

# Dun Tarċis Agius



**Tarċisju Agius twieled f' Ħaż Żabbar nhar il-5 ta' Mejju 1914. Iben Carmelo Agius u Feliċità, mwielda Muscat. Kien l-iżgħar fost erbatax-il aħwa.**

Bedà jistudja fl-Iskola Elementari ta' Ħaż Żabbar u meta kien għadu tifel, kien iqum kmieni biex jgħin il-quddiesa fil-knisja parrokkjali. Ta' eta żgħira, meta kellhu madwar għaxar snin, Tarċis ħass il-vokazzjoni għal saċerdot u ftit tas-snin wara daħal fis-Seminarju. Fl-età ta' tlieta u għoxrin sena huwa ġie ordnat saċerdot nhar il-25 ta' Lulju 1937. L-ordinazzjoni saret ġewwa l-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mikiel Gonzi, dak iż-żmien delegat tal-Isqof ta' Malta. L-ewwel quddiesa tiegħu ċċelebraha l-għada nhar is-26 ta' Lulju, Sollenità ta' Sant' Anna. Din saret fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa pajjiżu Ħaż Żabbar.

Huwa għamel bosta snin bħalha għalliem ġewwa l-Kuleġġ ta' San Alwiġi ġewwa Birkirkara. Meta kien għalliem f' dan il-kuleġġ kellhu bosta ħbieb li 'l quddiem kienu ta' għajnuna kbira għalih, meta bedà jibni knisja parrokkjali ġdida ġewwa Wied il-Għajn. Huwa kien għalliem mis-sena 1937 sal-1943.



**Dun Tarċis ġewwa l-fabbrika ta' Fernando Stuflesser fejn inħadmet l-iStatwa Titulari f' Bolzano l-Italja. Fir-ritratt jidhru iż-żewġ zkuk li minnhom inħadmu l-iStatwi ta' Sant' Anna u l-Madonna**

Fl-1943 Dun Tarċis inħatar il-ħames vigarju-kurat ta' Wied il-Għajn. Kif inħatar f' din il-ħatra mill-ewwel intefà jaħdem b'enerġija kbira għall-ġid ta' dan ir-raħal. Għall-ewwel ma kellhux fejn joqgħod għall-fatt li l-knisja iddedikata lil Sant' Anna, dak iż-żmien ġewwa Triq La Sengle, ma kellhix dar għas-saċerdot li jieħu ħsiebha. Quddiem l-istess knisja, kien joqgħod Fr. William Bailey li dak iż-żmien kien iċ-*chaplain* tas-servizzi u dan kien offra lil Dun Tarċis biex joqgħod miegħu. Ftit taż-żmien wara, mar joqgħod ġewwa Villa Glanville. Din il-villa, li tinsab fejn Palazz Apap Bologna, dak iż-żmien kienet vojta u allura Dun Tarċis mar joqgħod fiha flimkien ma' familtu. Il-familja tiegħu, speċjalment in-neputija tiegħu Lilian, kien jagħtu għajnuna kbira fil-ġbir għall-bżonnijiet tal-knisja. Apparti x-xogħol spiritwali, kien jgħallem min jeddu lit-tfal li dak iż-żmien kienu joqogħdu ġewwa Wied il-Għajn. Kien l-istess Dun Tarċis li bedà jitħabat sabiex Wied il-Għajn ikollhu l-iskola tiegħu. Filfatt din ix-xewqa tiegħu saret realta u l-ewwel skola kienet ġewwa dar żgħira biswit fejn illum hemm Ġnien Sant' Anna. Iktar tard l-iskola marret ġewwa Triq La Sengle u mbagħad ġo Villa Mondello sakemm nbniet l-iskola Sant' Anna fl-1965.

Ir-raħal ċkejken ta' Wied il-Għajn, Dun Tarċis ħabbu wisq u ħadem kemm felaħ għalih. Wara li l-ewwel xewqa tiegħu, dik li jiftaħ skola ġiet mwettqa, bedà jaħdem kemm jiflaħ f' dak li hu spiritwalment għall-istess raħal. Kellhu bosta xewqat fosthom il-bini ta' knisja ġdida, statwa ġdida ta' Sant' Anna kif ukoll li Wied il-Għajn jitwaqqaf parroċċa. Dak iż-żmien Wied il-Għajn kien viċi parroċċa u x-xewqa tiegħu flimkien ma' bosta residenti kien li Wied il-Għajn jitellà għal ġieħ ta' parroċċa. Tajjeb li wieħed jgħid li Wied il-Għajn dam għal madwar 31 sena viċi parroċċa. Sadanittant l-istess Dun Tarċis ħadem sabiex il-knisja ikollha l-istatwa titulari tagħha. Sar jaf li ċertu Spiru Vella kien għamel wegħda li jekk ħadd minn uliedu ma' jiġrilu xejn fil-gwerra kien lest li jħallas minn butu statwa ta' Sant' Anna. Din l-istatwa ġiet ordnata mingħand id-ditta Ferdinando Stuflesser ta' Bolzano u kien l-istess Dun Tarċis li mar Bolzano sabiex tibdà tinħadem. Din l-istatwa waslet ġewwa Wied il-Għajn f' Awissu tas-sena ta' wara u ddaħlet bil-baħar. Ix-xewqa tat-twaqqif tal-parroċċa seħħitlu wkoll u kien nhar il-15 ta' Marzu 1949 li Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi laqà t-talba tal-istess Dun Tarċis Agius u ħareġ digriet



**Il-wasla tal-iStatwa Titulari ta' Sant' Anna**

sabiex Wied il-Għajn jitwaqqaf parroċċa ndependenti minn Ħaż-Żabbar bl-istess limiti ta' meta Wied il-Għajn sar viċi parroċċa fejn apparti li ttieħdu limiti minn Ħaż-Żabbar, l-istess parroċċa ingħatat ukoll parti minn limiti li kienu jagħmlu mall-parroċċa taż-Żejtun. L-istess digriet kien jgħid ukoll li Dun Tarċis



**Il-pussess tal-ewwel Kappillan Dun Tarċis ġewwa l-knisja l-qadima**

ser ikun l-ewwel Kappillan tal-parroċċa l-ġdida. Sadanittant il-knisja parrokkjali preżenti saret żgħira għall-popolazzjoni tar-raħal u l-istess Dun Tarċis bedà jaħseb sabiex tinbena knisja akbar. Dun Tarċis kellhu xewqa kbira u ambizzjuża. Din ix-xewqa kienet tal-bini ta' knisja ikbar. Huwa miet fl-età ta' 52 sena.

B' dan kollhu wieħed jara kemm Dun Tarċis kellhu għal qalbu dan ir-raħal. Kien pass għaqli li snin ilu il-pjazza ewlenijja ta' dan ir-raħal, li tistà tgħid welldu Dun Tarċis, tisemma għalih.

Ħafna jqisu lil Dun Tarċis bħalha missier dak li sa snin kien raħal żgħir u kwiet bi ftit bdiewa u sajjieda u li llum il-progress kbir li sar fejn Wied il-Għajn sar villaġġ b' iktar minn 16,000 ruħ.